# Il-Ħadd 04.08.2019

1. Illum 04/08:
   - Mit-8:30am sas-1:00pm, il-Mobile Blood Donation Unit ser ikun fil-pjazza ta' quddiem il-knisja parrokkjali tal-Qrendi sabiex tkunu tistgħu tmorru tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom imorru mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.

2. It-Tlieta 06/08, **Festa tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej**.

3. L-Erbgħa 07/08:
   - Fl-10:30am, l-Emigranti Maltin li hawn fostna huma mistiedna mill-Kummissjoni Emigranti għal-laqgħa mal-E.T. President ta' Malta, Dr George Vella fil-Palazz Presidenzjali, l-Belt Valletta. Aktar tagħrif jista' jinkiseb minn Dar l-Emigrant.
   - Fis-6:00pm - Ħarġa u BBQ għall-Abbatini.

4. Is-Sibt 10/08:
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja parrokkjali tas-Sagra Familja, l-Iklin.

5. Avviżi oħra:
   - F'dawn il-jiem ta' preparazzjoni għall-festa, ikollna bżonn għajnuna kemm fl-armar u kemm fit-tindif tal-knisja. Napprezzaw ħafna dik id-daqqa t'id li tistgħu toffru. Għall-armar avviċinaw lil Josef Mifsud u għat-tindif ikkuntattjaw lil Rita Formosa. Il-Ġimgħa 10/08 filgħodu bi ħsiebna ntellgħu t-tużell u għandna bżonn xi rġiel jgħinnu. Ikkuntattjaw lili jew lil Ninu Abdilla.
   - Nitlob lil dawk li joqgħodu f'toroq imsemmija jew b'rabta ma' San Pawl, lil dawk li ġew joqgħodu Ħal Safi, lil ĦalSafin li joqgħodu f'irħula oħra, u lil dawk li joqgħodu barra minna Malta u qegħdin fostna għal xi btala biex jinkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali, minħabba quddiesa speċjali li ser ikollna għalihom nhar l-Erbgħa 21/08, fl-Ewwel Jum tat-Tridu.
   - Nitlob ukoll lill-koppji li qed jiċċelebraw l-1 sena / 10 / 20 / 25 / 30 / 40 / 50 Anniversarju taż-Żwieġ tagħhom, biex jinkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali, minħabba l-quddiesa speċjali li ser ikollna għalihom nhar il-Ħamis 22/08, fit-Tieni Jum tat-Tridu.
   - Il-Każin Banda San Pawl ifakkar li mil-lum xi membri ser jiġbru l-envelopes b'risq il-festa esterna bejn id-9:00am u 12:00pm, kull nhar ta' Ħadd. Grazzi bil-quddiem.
   - Sa' nhar l-Erbgħa 7/08/2019, id-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilità fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Impjiegi ser ikun qiegħed jilqa' applikazzjonijiet onlajn għal korsijiet hekk kif offruti u indikati fuq is-sit elettroniku www.lifelonglearning.gov.mt.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 225 bħala ġabra b'risq il-Festa ta' San Pawl;
   - € 1,737 mill-envelopes bl-istess għan;
   - € 35 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr. Grazzi mill-qalb u lil min għadu ma tax is-sehem tiegħu nitolbu ma joqgħodx lura.